**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI IŻ-ŻURRIEQ**

**L-GĦAXAR LEĠISLATURA**
**LAQGĦA NUMRU TMINTAX**

**7ta' OTTUBRU, 2025**

Il-Kunsill Lokali Iż-Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Iż- Żurrieq Fl-18:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima u l-Viċi Sindku Ignatius Farrugia, l-Kunsilliera s-Sur Kenneth Farrugia, s-Sur Kyle Mifsud, s-Sur Dino Bonnici, s-Sinjorina Marylyn Sammut u s-Sur Daniel Muscat.

**SKUŻAT**
Il-Kunsilliera s-Sinjura Marisa D'Amato u s-Sur Jeremy Coleiro

**ASSENTI**
-
**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **18.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 18.1.1 | | Il-Kunsill approva l-ittri ta' apoloġija mingħand il-Kunsilliera s-Sinjura Marisa D'Amato u s-Sinjur Jeremy Coleiro li ma setgħux jattendu minħabba xogħol. **Dok 1 meħmuż.** |
| | | |
| **18.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| | | |
| 18.2.1 | | Il-minuti numru 17 ġew approvati. |
| | | |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| ***18.3*** | | ***Komunikazzjoni mis-Sindku*** |
| | | |
| 18.3.1 | | Is-Sindku Rita Grima qalet:<br>• irringrazzjat lis-Segretarju Eżekuttiv u lill-Kunsilliera Marisa D'Amato, talli bis-saħħa tagħhom u tagħha, l-Kunsill ħa l-Unur tal-aqwa Kunsill, li għamel għall-annimali. Irringrazzjat ukoll lill-volontiera tal-cat cafe.<br>• Waqt il-Clean Up, is-Sindku qalet li hi biss mill-Kunsill kienet preżenti u ħadmet flimkien man-neputi tagħha u l-impjegati assenjati mal-Kunsill.<br>• Waqt l-attivita tal-żbir taż-żebbuġ inġabru 132 kilo u kienu preżenti hi, u l-kunsilliera Kenneth Farrugia u Marylyn Sammut.<br>• Is-Surmast Brian Bugeja jixtieq jagħmel open day f'Dar Mattia Preti, biex juri l-ħidma tal-istudenti – Data 15ta' Novembru. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Issuġġeriet li jsir id-dberik tal-annimali. Il-Viċi Sindku qal, li din għandha tkun attività sħieħa u mhux dberik biss tal-annimali. Kien hemm qbil li meta jkun hawn il-Kunsillier Marisa D'Amato, tiġi ikkoordinata l-attivita.<br>• Project Green ser jieħdu ħsieb li jirranġaw il-ġnien ta' quddiem l-iskola, wara li kellmithom is-Sindku. |
| | | |
| ***18.4*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 18.4.1 | | Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia qal li :<br>• Quddiem ħanut fi Triq Bronja intalbet irid 'un/loading bay' kien hemm qbil li ssir l-applikazzjoni, għalkemm il-Kunsillier Dino Bonnici qal li jekk TM ser tapprova ser ikun hemm problema minħabba li kull ħanut ser jitlob din il-bay.<br>• Fi Triq San Martin hemm persuna li għamlet ġebel quddiem il-garage tiegħu. Kien hemm qbil li jiġi rrappurtat il-każ.<br>• Biex issir junction box fi Triq Gan Ferli għaliex hemm persuna b'diżabilta li trid aċċess għar-residenza tagħha. |
| | | |
| 18.4.2 | | Il-Kunsillier Daniel Muscat qal li :<br>• Is-sezzjoni taż-żgħażagħ tal-Karmnu staqsew jekk hux ser issir laqgħa fuq il-karnival. Is-Sindku wieġbet fl-affermattiv, imma li l-appuntament ikun mas-Segretarju u l-President ċentrali.<br>• Jinbidlu l-pots ta' Triq P P Saydon u jsiru ġodda |
| | | |
| 18.4.2 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li:<br>• hemm bżonn li tinħasel Triq il-Karmnu minħabba l-ħmieġ tal-qtates.<br>• Rigward il-Christmas market, issuġġerixxa li jkun quddiem il-knisja.<br>Is-Sindku qalet li l-Kunsill għandu laqgħa mal-organizzaturi tal-Milied u ser tiġi diskussa din il-materja.<br>• Qal prosit lit-team tal-boċċi taż-Żurrieq għas-suċċess li ġabu. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| 18.4.3 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li:<br>• Hemm bżonn li fejn saru xogħlijiet minn entitajiet, jiġu *resurfaced* kemm jista jkun malajr biex jonqos l-inkonvenjent lejn ir-residenti. |
| | | |
| 18.4.4 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud qal :<br>• li persuna minn Triq it-Tjieba qed tilmenta li meta tagħmel ħafna xita d-dar tiegħu qed issofri ħsarat bl-ilma li jidħol. Is-Sindku qalet li l-Kunsill tkellem ma diversi perita imma ħadd ma ta soluzzjoni.<br>• Fit-12 ta' Diċembru ser ikun hawn *Christmas market* fin-Nigret fi Triq il-Kunċizzjoni.<br>• Ser jibda jaħdem fuq il-party tat-tfal tal-Milied.<br>• Kien hemm qbil li l-ikla tal-Milied tax-xogħol ser issir fit- 3 ta' Diċembru. Parti mill-ispiża titħallas mill-persuna li ser tkun ser tattendi biex l-attivita tkun aħjar. |
| | | |
| ***18.5*** | | ***Ilmenti minn żewġ residenti li ser ikunu preżenti*** |
| | | |
| 18.5.1 | | Is-Sinjuri Schembri kienu preżenti minħabba li tneħħiet il-*junction box* minn quddiem ir-residenza tagħha fi Triq San Bartilmew. Huma oġġezzjonaw fuq dan. Qalu li minħabba resident li joqgħod faċċata tar-residenza tagħhom, isibha diffiċli biex joħroġ il-vettura minn garaxx, il-Kunsill aċċata li jostakola lill-familja Schembri milli jdaħħlu xirja fir-residenza tagħhom.<br><br>Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-Kunsill jitlob direzzjoni minn TM u l-Kunsill jimxi fuq il-linja gwida tagħhom. |
| | | |
| 18.5.2 | | Residenti minn Triq il-Kbira k/m Triq San Gwann iridu bankina biex ikollhom aċċess għar-residenza tagħhom mingħajr ostakli tal-vetturi u jridu bankina fi Triq San Gwann biex ma joborxulhomx il-faċċata tar-residenza tagħhom.<br><br>Il-Kunsill qal li inbeda x-xogħol minn IM, mingħajr ma l-Kunsill kien avżat, wara li r-residenti għamlu t-talba.<br><br>Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li fi Triq San Gwann m'għandix issir bankina u fi Triq il-Kbira m'għandux ikun hemm bankina bil – 1.20m wisa, minħabba d-djuq tat-triq. Hu jissuġġerixxi li ssir biss kurduna mal-faċċata.<br><br>Is-Sindku, l-Kunsilliera Kyle Mifsud u Kenneth Farrugia qablu li l-wisa tal-bankina fi Triq il-Kbira ssir il-wisa tal-bankina eżistenti aktar 'l isfel mir-residenza tagħhom. Kien hemm qbil unanimu li fi Triq il-Kbira ma ssirx bankina ta' 1.2m wisa.<br><br>Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li jsiru poles dekorattivi minflok bankina.<br><br>Wara diskussjoni kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill jikteb lill-IM biex fi Triq il-Kbira biss, ssir bankina l-wisa tal-bankina eżistenza li hemm fl-istess triq aktar 'l |

| | | |
|---|---|---|
| | | isfel. Jekk IM ma taqbilx ma dan, għandu jibqa kollox kif inhu u tiġi irranġata x-xogħol li laħaq tħaffer minn IM. |
| | | |
| ***18.5*** | | ***Rapport Finanzjarju ta' kull kwart – it-Tielet Kwart*** |
| | | |
| 18.5.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet it-tielet rapport finanzjarju tas-sena 2025. Dan ġie maħdum mill-Accountant tal-Kunsill, approvat u ser jintbagħat lid-dipartiment. |
| | | |
| ***18.6*** | | ***Attivita' Sportiva*** |
| | | |
| 18.6.1 | | Dan l-item ser jitressaq f'seduta oħra minħabba li l-Kunsillier Marisa D'Amato li ssuġġeriet din l-attivita, ma kienetx preżenti. |
| | | |
| ***18.8*** | | ***Items oħra ta' xogħlijiet tal-Kunsill li jkunu meħtieġa.*** |
| | | |
| ***18.9*** | | ***Approvazzjonijiet : Xogħlijiet u Servizzi.*** |
| | | |
| 18.9.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet:<br>• Suġġeriment biex quddiem Block A fi Triq Zakkarija Ronkali issir *sleeping policeman*. Petizzjoni annessa **Dok 2.**<br>• Zurrieq Wolves u Zurrieq FC qed jitolbu li l-Kunsill Lokali jagħmel reklam fil-kalendarju li joħorġu għall-prezz ta' 400E. Il-Viċi Sindku qal li jew il-Kunsill jgħati reklam lil kull għaqda fiż-Żurrieq jew ma jingħata ħadd. Kien hemm qbil li ħaddma jieħu reklami. |
| | | |
| ***18.10*** | | ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tar-Reġjun Punent.*** |
| | | |
| 18.10.1 | | Tressqu l-minuti tar-Reġjun Punent numru 53. |
| | | |
| ***18.11*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 18.11.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 4** għall-ammont totali ta' €38,716.32.<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima, u l-Kunsillier Kyle Mifsud u mill-Viċi Sindku Ignatius Farrugia. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| ***18.12*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 18.12.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fl-20:15. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar il-Erbgħa 19ta' Novembru, 2025, fis-6:00 filgħaxija. |

Konfermati, illum ___ ta' Novembru, 2025

Rita Grima
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**